MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 46/2008

**Mario u Josephine konjugi Difesa (ID numri 333055M) u 206659M rispettivament).**

**vs.**

**Bennie Maghrufa bhala Benedetta Meilak maghrufa wkoll bhala Meilak (I.D. numru 289336M); Raymond, Herman, Christopher u Veronica Tabone,, ahwa Meilak maghrufa wkoll bhala Meilaq (I.D. numru 23860M, 399162M, u 87369M rispettivament), u b' digriet tal-25 ta' Novembru 2008 ir-rikors gie cedut fil-konfront ta' Raymond, Herman, Christopher u Veronica Tabone,, ahwa Meilak maghrufa wkoll bhala Meilaq (I.D. numru 23860M, 399162M, u 87369M rispettivament).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Mario u Josephine konjugi Difesa datat 17 ta' Jannar 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-esponenti Mario Difesa, zewg l-esponenti Josephine Difesa, dahal f'negozju ma' Joseph Meilak maghruf bhala Meilaq, zewg l-intimata Bennie maghrufa bhala Benedetta Meilak maghrufa wkoll bhala Meilaq u maghha kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejniethom, billi, fuq parir tal-imsemmi Joseph Meilak *sive* Meilaq, huwa investa s-somma ta' sitta u ghoxrin elf seba' mija u sitta u disghin liri sterlini (£26,796 stg) f'Henly's Group p.l.c. *tramite* Jyske Bank ta' Copenhagen, Danimarka (ara ordni numru 25316385 hawn unita u mmarkata bhala Dok. "A"), bl-intendement illi kwalsiasi profitti jew telf li jirrizulta minn tali investiment kellu jigi sopportat ugwalment bejniethom;

Illi l-imsemmi investiment falla u Henly's Group p.l.c. kellha tmur in likwidazzjoni;

Illi ghalhekk abbazi tal-ftehim ta' bejniethom l-imsemmi Joseph Meilak maghruf bhala Meilaq kellu jhallas lill-esponenti s-somma ta' tlettax-il elf tliet mija u tmienja u disghin liri sterlini (£13,398 stg) ekwivalenti bir-rata tallum ghal sbatax-il elf seba' mija u disgha u sittin punt tlieta u ghoxrin ewro (€17,769.23);

Illi l-esponenti nterpellaw lil Joseph u Benedetta konjugi Meilak maghrufin bhala Meilaq b'ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 2006, u l-istess Joseph Meilak maghruf bhala Meilaq miet fis-26 ta' Settembru 2007 (Dok "B") qabel lahaq issalda l-ammont minnu dovut kif kien obbliga ruhu li jaghmel, u ssuccedewh it-tfal tieghu l-intimati ahwa Meilak maghrufin bhala Meilaq.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-intimati "*in solidum*" ihallsu lill-esponenti s-somma ta' £17,769.23, jew dik is-somma f' ewro li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal

£13,398 stg, bhala rapprezentanti nofs l-investiment effetwat mill-esponenti Mario Difesa f'Henly's Group p.l.c. *tramite* Jyske Bank ta' Copenhagen, fid-Danimarka, kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 2006 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni prezentat kontestwalment u bl-imghax legali minn notifika tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-intimati minn issa ngunt biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tar-rikorrenti a fol. 3 sa 7 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' April 2008.

Rat ir-risposta tal-intimati datata 2 ta' Lulju 2008 a fol. 31 tal-process fejn esponew:-

1. Illi in kwantu jikkoncerna t-talba rikorrenti kif imposta kontra l-intimati wlied Joseph u l-intimata Benedetta Meilak, dawn ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi huma rrinunzjaw ghall-eredita` ta' missierhom kollox kif jidher mill-anness Dok "JM 1", bl-isepejjez kontra ir-rikorrenti.

2. Illi l-intimata Benedetta Mejlak in kwantu kompartecipi fil-Komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha waqt li dan ghadu haj, qatt ma hadet qatt parir f'xi negozju mar-rikorrenti u ghalhekk in kwantu ghal sehemha, f'kull kaz m' ghandhiex tigi ritenuta responsabbli.

3. Illi l-pretensjonijiet rikorrenti mhumiex sostnuti minn ebda dokument.

4. Illi kontrarjament ghal dak li jinghad fir-rikors mahluf, mhux minnu li zewgha, llum mejjet, kien responsabbli lejn ir-rikorrenti ghal xi somom flus.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit (Dok “JM 1”) tal-intimati a fol 32 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2008 il-Qorti nnominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex wara tali terminu jiffissa zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-28 ta’ April 2009.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2008 (fol. 41) fejn gie verballizzat li l-difensuri tal-partijiet qabblu li l-gudizzju kien integru fil-persuna tal-konvenuta Benedetta Meilak.

Rat in-nota tar-rikorrenti (fol. 43) pprezentata fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2008 li biha cedew l-azzjoni attrici fil-konfront tal-intimati Raymond, Herman, Christopher u Veronica Tabone, ahwa Meilak maghrufa wkoll bhala Meilaq, izda zammu l-pretensjonijiet taghhom fermi fil-konfront tal-intimata Bennie *sive* Benedetta Meilak maghrufa wkoll bhala Meilaq.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri, bix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Novembru 2009 ghas-sentenza bil-fakolta` tal-partijiet li jipprezentaw noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi fit-termini ndikati fl-istess digriet.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata 29 ta’ Lulju 2009 a fol. 69 tal-process.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni attrici datata 18 ta’ Settembru 2009 a fol. 74 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi b'din il-kawza l-atturi qed isostnu li l-attur dahal fi ftehim ma' Joseph Meilaq, (ir-ragel tal-konvenuta Bennie sive Benedetta Meilaq, u missier il-konvenuti l-ohra) sabiex jinvestu bejniethom is-somma ta' £26,796 fil-Henly's Group p.l.c. u dan *tramite* Jyske Bank, b'dan li l-istess investment isir f'isem l-atturi, izda l-profitti u t-telf minn tali investiment jinqassmu bin-nofs bejn l-attur l-konvenut.

Illi jirrizulta li effettivament l-atturi ghamlu l-istess investiment u xtraw l-ishma fl-ammont indikat ta' £26,796, liema investiment falla tant li l-Henly's Group kellu jidhol fi process ta' likwidazzjoni u allura l-atturi interpellaw lill-konvenut sabiex ihallas nofs l-ammont hekk investit fis-somma ta' £13,398 ekwivalenti ghal €17,769.23 izda l-atturi qed isostnu li minkejja li Joseph Meilaq irrikonoxxa li ghandu jaghti l-istess ammont, baqa' inadempjenti u miet (+ 26 ta' Settembru 2007 – Dok. "B") qabel ma hallas l-istess ammont pretiz illum mill-atturi f'din il-kawza.

Illi jirrizulta li wlied Joseph u Benedetta Meilak u cjoe' Raymond, Herman, Christopher u Veronica Tabone, ahwa Meilak, maghrufa wkoll bhala Meilaq, irrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom skont kif jirrizulta min-nota relattiva datata 12 ta' Frar 2008 fil-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) (Dok. "JM1") u (+ 26 ta' Settembru 2007 – Dok. "B") u permezz ta' nota datata 15 ta' Novembru 2008 (fol. 43), l-atturi cedew il-kawza fil-konfront tal-imsemmija intimati ulied il-mejjet Joseph Meilak. B'hekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u l-kawza kompliet kontra mart Joseph Meilak.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament dan l-investiment sar mill-atturi, kif jidher kemm mic-certifikat Dok. "A" anness mar-rikors guramentat u wkoll mix-xhieda tal-attur permezz tal-affidavit tieghu datat 20 ta' Frar 2009 (Dok. "MD") fejn jirrizulta li dan ma kienx l-unika

investiment li kien sar bejnu u bejn Joseph Meilak, b'dan li l-ftehim bejniethom kien dejjem fis-sens li kull parti thallas nofs l-investiment u l-profitti u t-telf jinqasam bin-nofs. Hemm kien ser f'akkwist ta' ishma tal-Vodafone u Waterspoons, u peress li f'dawn kienu saru profitti, gew maqsuma bejniethom.

Illi sar ukoll l-imsemmi investiment mertu tal-kawza odjerna ghall-valur totali ta' £26,796 (Dok. "A") fil-Henly's Group, izda f'dan il-kaz l-investiment falla u l-grupp mar f'likwidazzjoni kif jirrizulta mix-xhieda ta' Neil Crossey, (li kien Investment Advisor tas-socjeta' Island Financial Services), u kien hawn li l-istess attur talab lil Joseph Meilak sabiex ihallas is-somma ta' £13,398 nofs il-valur tal-istess investiment, izda dan qallu li ma' kellux flus biex ihallas izda biex jibda kien iffirma 12-il kambjala tal-valur kull wahda ta' Lm150 (€349.41), li minnhom fil-fatt hallas is-somma ta' Lm750 (€1,747), izda l-ohrajn ma' thallsux (Dok. "MD1" sa Dok. "MD 7").

Illi kien ghalhekk li l-attur inkariga lil Dr. Henry Antoncich sabiex jinterpella u jikkomunika mal-istess Joseph Meilak, li minn naha tieghu fl-inkontri li kellu mal-avukat irrikonoxxa tali debitu *verso* l-attur, ghalkemm ghall-ewwel ried li sehmu mill-istess investiment jigi trasferit fuq ibnu Raymond Meilaq (Dok. "MD 8"), izda wara biddel il-hsieb (Dok. "MD 9") ghaliex ibnu ma riedx l-istess investiment ikun fuqu; minkejja dan ma sar ebda pagament minn Joseph Meilak u konsegwentement giet prezentata ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru 2006 (Dok. "MD10") kontra l-konjugi Meilak, li ma gietx ikkontestata; wara dan jidher li Joseph Meilak iccaqlaq tant li regghu bdew il-kuntatti bejn il-partijiet, u kien hawn li f'okkazzjoni minnhom l-intimata stqarret mal-attur Mario Difesa li *"inti ghandek tiehu minn ghandna izda anki lilna ghandhom ituna l-flus".* Fil-fatt l-intimat kien lest li jhallas l-ammont ta' €16,305.61 (Lm7,000) bl-imghax mill-1 ta' Gunju 2007, izda peress li lanqas dan ma thallas l-atturi kellhom jaghmlu din il-kawza ghan-nofs l-ammont tal-investiment.

Illi l-Avukat Dr. Henry Antoncich jikkorobora t-tezi tal-attur, kif jidher mix-xhieda tieghu datata 20 ta' Frar 2009 (fol.

45) minn fejn jirrizulta li l-istess Joseph Meilak ammetta mieghu li kellu jaghti l-istess ammont lill-atturi bit-tnaqqis tal-ammont minnu mhallas, u minkejja li kien hemm weghdi ta’ hlas, u anke gie ridott l-ammont sabiex l-intimat ihallas, haga li baqa’ ma ghamilx peress li mbaghad lahaq miet saret din il-kawza. Dawn il-provi ma gew bl-ebda mod kontrastati b’xi prova min-naha tal-intimata. B’hekk jirrizulta li l-pretensjonijiet attrici gew ilkoll pruvati izda l-ammont rikjest ta’ €17,769.23 ghandu jitnaqqas bl-ammont ta’ €1,747 (Lm750), u allura s-somma dovuta hija dik ta’ €16,022. F’dan is-sens it-tielet u r-raba’ eccezzjoni moghtija qed jigu michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-intimata Benedetta Meilak, fejn qed tghid li hija ma kenitx partecipi personalment fl-istess negozju jinghad li jirrizulta li n-negozju li dahal ghalih Joseph Meilaq mal-atturi kien ghalih att ta’ gestjoni normali tan-negozju tieghu u ghalhekk jaqa’ taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1324 tal-Kap. 16** u ghalhekk huma dejn tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-konjugi Meilak (**“Angele Calleja vs Claude Calleja”** - P.A. (AJM) – 2 ta’ Ottubru 2002).

Illi jinghad li jekk ghall-grazzja tal-argument jigi b’xi mod li tali att kien wiehed ta’ natura straordinarju li ma kellux x’jaqsam mal-kummerc, negozju jew professjoni ta’ parti fiz-zwieg u allura kien jehtieg il-permess tal-parti l-ohra, la darba l-intimata ma agixxietx fit-termini ndikati fl-**artikolu 1326 (2)** mid-data tal-ittra ufficjali datata 6 ta’ Novembru 2006 (Dok. “MD10”) u ma ghamlet l-ebda kawza ta’ annullament tal-istess att skont l-istess disposizzjonijiet tal-ligi **(“Anthony Bugeja vs Publius Micallef et”** – A.C. – 27 ta’ Gunju 2003; **“Domenica Fino vs Anthony Farrugia Company Limited”** – A.C. – 1 ta’ Gunju 2007), mela allura tali dejn huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-intimata/i qed tigi michuda. Jinghad ukoll f’dan il-kuntest li b’verbal datat 25 ta’ Novembru 2008 (fol. 41) inghad li *“d-difensuri tal-partijiet qablu li l-gudizzju huwa integru fil-persuna tal-konvenuta Benedetta Meilak”,* u ghalhekk anke f’dan il-kuntest din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuta Bendetta Meilak fl-ammont ta' €16,022 kif hawn indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-intimati Raymond, Herman, Christopher u Veronica Tabone, ahwa Meilak, maghrufa wkoll bhala Meilaq, u dan *stante* n-nota ta' cessjoni attrici fil-konfront taghhom datata 25 ta' Novembru 2008, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata Bennie maghrufa bhala Benedetta Meilak maghrufa ukoll bhala Meilaq in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici kif ridotta fil-konfront tal-istess Benedetta Meilak** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-intimata Benedetta Meilak thallas lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf u tnejn u ghoxrin ewro (€16,022) bilanc minn somma akbar ta' sbatax-il elf seba' mija u disgha u sittin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€17,769.23) rapprezentanti nofs l-investiment effettwat mill-attur Mario Difesa f'Henly's Group p.l.c. *tramite* Jyske Bank ta' Copenhagen, fid-Danimarka, kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru 2006 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat kontestwalment mal-azzjoni attrici u bl-imghax legali min-notifika tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru 2006 kontra l-konvenuta Benedetta Meilak.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------